MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2012

Numru. 53/2012

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Guda Taddeus Rapa**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra ’l hawn fuq imsemmi Guda Taddeus Rapa, bin Paul Rapa u Salvina Rapa neé Mizzi, imwieled fit-2 ta’ Lulju 1951 u residenti fil-fond numru 53, Sqaq Ta’ Sufina, Triq San Blas, Nadur (Ghawdex), Malta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 45751(G) illi;

Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni gie akkuzat talli bhala direttur tal-kumpanija **Rapa Showrooms Company Limited (C 5076)** ghas-snin **2008, 2009 u 2010** b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini ta' 'l hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli hares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli;

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

ILLI mill-provi mismugha jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet ppruvata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 23(1) u 23(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15, 20, 21(1) u 22(1) ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' tliet mija u hamsin ewro (€350). In vista tal-fatt li l-imputat m'ghadux jirraprezenta lis-socjeta' Rapa Showrooms Company Limited (C 5076) mhux il-kaz li tigi mposta multa addizzjonali.

Il-Qorti spjegat lill-imputat *ai fini* ta' l-Artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga' jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b'zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlitt ijiem prigunerija; u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull haga li tinsab fid-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar l-*Probation*, jew f'xi

legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem, b’zieda ma’ kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------